MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 155/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Dimech**
**Ludwig Dimech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Dimech u Ludwig Dimech talli fid-19 ta' Lulju 2004 ghall-habta tal-4.00 p.m. gewwa Haz-Zebbug:

(1) Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha fuq il-persuna ta' l-Ispettur Josric Mifsud kif ukoll ta' P.S. 325 Patrick Borg, waqt il qadi ta' dmirijiethom;

(2) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati, cioe` kontra l-Ispettur Josric Mifsud, Spettur Alexander Grech, P.S. 325 Patrick Bonnici, P.S. 736 Vincent Falzon u P.C. 1098 Anthony Scerri skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

(3) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmlu delitt urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom;

(4) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkommettew offizi gravi fuq il-persuni ta' l-imsemmija Spettur Josric Mifsud kif ukoll P.S. 325 Patrick Bonnici, liema offizi igibu mankament jew sfregju fil-wicc u fl-ghonq;

(5) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe` kontra l-Ispettur Josric Mifsud, Spettur Alexander Grech, P.S. 325 Patrick Bonnici, P.C. 736 Vincent Falzon u P.C. 1098 Anthony Scerri fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

(6) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ingurjaw jew heddew, jew ghamlu offiza fuq il-persuni ta' l-Ispettur Josric Mifsud, Spettur Alexander Grech, P.S. 325 Patrick Bonnici, P.C. 736 Vincent Falzon u P.C. 1098 Anthony Scerri persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

(7) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, hebbew ghall-Ispettur Josric Mifsud kif ukoll P.S. 325 Patrick Bonnici sabiex jingurjawhom, idejquhom jew jaghmlulhom hsara;

(8) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kisru il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b’ghajjat u glied;

(9) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, u cioe` fl-uniformijiet ta’ l-Ispettur Josric Mifsud u P.S. 325 Patrick Bornnici ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;

(10) Lil Carmel Dimech wahdu talli fl-istess, jum, lok, hin, u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita` jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jhallix jew ifixkel waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b’xi mod iehor bla jedd jindahal fi dmiru billi ma jhallix lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi ikun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor li jkun kemm il-darba din id-dizubbidjenza jew dak l-indhil ma jkunx jaqa’ taht disposizzjonijiet ohra ta’ dan il-Kodici jew ta’ ligi ohra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta’ April 2007, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 95,96, 338(ee), 339(1)(b), 338(dd), 325(a), 17(b)(c), 20, 30, 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmijin Carmel Dimech u Ludwig Dimech “hatja tal-akkuzi kif addebitati lilhom, salb u b’eccezzjoni ghat-tielet (3) akkuza peres li mhux qed jinstabu hatja li kkagunaw ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna tal-Ispettur Josric Mifsud u P.S. 325 Patrick Bonnici, mil-liema akkuza qed tilliberahom, pero` qed issibhom it-tnejn hatja talli kkagunaw r-reati indikati u kompriz li kkagunaw ferita ta’ natura hafifa” u kkundannat lill-appellant (allura imputat) Carmel Dimech ghal perijodu ta’ tmien xhur prigunerija effettiva u lill-appellant (allura imputat) Ludwig Dimech ghal perijodu ta’ sitt xhur prigunerija. Inoltre kkundannathom ihallsu s-somma ta’ tlieta u tmenin liri Maltin (Lm83) lid-Direttur tal-Qorti rappresentanti l-hlas li sar lil Dr. Mario Scerri in konessjoni man-nomina tieghu u dan fi zmien xahar mid-data tas-sentenza u fin-nuqqas tali

somma tigi konvertita fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs [***recte:*** prigunerija] ghal kull hames liri Maltin (Lm5);

Rat ir-rikorsi separati ta’ appell ta’ Carmel Dimech u ta’ Ludwig Dimech ipprezentati fit-12 ta’ April 2007 li permezz taghhom talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata in kwantu tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha u tirrevokaha fil-parti kundannattorja taghha u konsegwentament jigu dikjarati mhux hatja u liberati minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar l-eccezzjonijiet preliminari taz-zewg appellanti;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda l-aggravji preliminari taz-zewg appellanti.

L-ewel aggravju ta’ l-appellant Carmel Dimech huwa fis-sens illi filwaqt illi fl-atti processwali kollha u fl-akkuza huwa deskritt bhala Carmel Dimech, kif ukoll fis-sentenza appellata meta l-ewwel Qorti giet ghall-parti tas-sejbien ta’ htija, meta giet sabiex tinfliggi l-piena rreferiet ghalih bhala Charles Dimech. Konsegwentement, skond l-appellant, is-sentenza ma taghmilx stat fil-konfront tieghu peress illi “il-persuna ta’ Charles Dimech ma tistax tilbes il-figura ta’ l-appellant u tigi effettivament karcerata”.

Kaz analogu ghal dan huwa dak fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jeffrey J. Brincat et** deciz fit-22 ta’ Awissu 2007 minn din il-Qorti diversament presjeduta li ghamlet referenza ghal kaz iehor analogu fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nicola Farrugia et** deciz fit-2 ta’ Ottubru 2002. Fl-ewwel kaz, Jeffrey John Brincat kien gie korrettement indikat fis-sentenza kollha izda fil-parti meta l-ewwel Qorti giet biex tinfliggi l-piena huwa gie ndikat bhala Jeffrey John Zammit. Fit-tieni kaz, wiehed mill-appellanti – John Bugeja – gie ndikat bhala Joseph minflok John f’parti mis-sentenza.

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Nicola Farrugia et**, din il-Qorti qalet hekk:

**"Illi l-ewwel agravju ta' dan l-appellant hu fis-sens li ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti sabet htija fil-konfront tieghu, li jismu John Bugeja, ghax il-htija li nstabet kienet fil-konfront ta' 'JOSEPH' Bugeja. Illi minn ezami akkurat tas-sentenza appellata jidher li l-Ewwel Qorti fl-okkju tas-sentenza, fil-parti preliminari u fil-konsiderazzjonijiet u rizultanzi dejjem irriferiet ghal dan l-appellant korrettement bhala 'JOHN BUGEJA' u dana ghamlitu ghal mhux inqas minn disa' darbiet in fila. Hu fatt pero` li meta giet ghad-dikjarazzjoni ta' htija, l-Ewwel Qorti – ovvjament u manifestament bi zball – irriferiet ghal 'JOSEPH BUGEJA'. Pero` immedjatament wara dan u fl-istess paragrafu, meta giet ghall-parti tal-kundanna, regghet irriferiet ghall-appellant Bugeja b'ismu korrett u cioe` 'JOHN'. Ghalhekk effettivament hu l-appellant John Bugeja u hadd aktar hliefu li gie kkundannat ghal sitt snin prigunerija, multa u sospensjoni tal-licenzja u din il-Qorti ma ghandhiex dubju dwar dan. Il-'*lapsus calami*' li hemm fis-sentenza ghax f'okkazjoni wahda mill-hdax li fiha ssemma' l-appellant Bugeja hu gie msemmi erronjament bhala 'Joseph', ghalkemm sfortunata, ma ghandux iwassal ghall-konkluzjoni li tippretendi d-difiza, partikolarment meta fil-parti tal-kundanna l-appellant jissemma' b'ismu korrett. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint."**

Imbaghad fis-sentenza **Il-Pulizija v. Jeffrey John Brincat et** din il-Qorti qalet hekk:

**"Issa hu minnu li f'dan il-kaz l-izball qieghed fil-paragrafu tal-kundanna ghax fil-paragrafu li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' htija ma hemmx zball, pero` fil-fehma ta' din il-Qorti dan ghandu jigi ugwalment trattat bhala *'lapsus calami'* u ladarba isem l-appellant Jeffrey John Brincat jinsab miktub korrettement fl-okkju tal-kawza, darbtejn fil-paragrafu tad-dikjarazzjoni ta' htija tal-istess Brincat u mhux inqas minn hames darbiet ohra *passim* fis-sentenza,**

**din il-Qorti ma tarax li ghandu jkun hemm dubju dwar min verament kien gie kundannat ghall-piena ta' sentejn prigunerija u min gie skwalifikat milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal sitt xhur, salv dak li ser jinghad aktar 'l isfel f'din is-sentenza. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint."**

Bhal fil-kaz ta' Brincat, f'dan il-kaz l-izball li minnu qieghed jilmenta l-appellant huwa fil-paragrafu tal-kundanna. Izda mis-sentenza appellata jirrizulta li l-appellant issemma' korrettement fl-okkju tal-kawza, fil-paragrafu tad-dikjarazzjoni ta' htija, fl-akkuza riprodotta fis-sentenza fejn hemm riferenza ghalih bl-isem korrett darbtejn u *passim* fis-sentenza mill-anqas sittax-il darba. Huwa veru li hemm ftit riferenzi wkoll ghal "Charles" izda huwa ovvju li dawn kienu riferenzi ghall-istess persuna ta' l-appellant u li l-isem "Charles" kien qed jintuza *interchangeably*. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandu jkun hemm dubju dwar min verament gie kkundannat ghall-piena ta' tmien xhur prigunerija u ghall-hlas ta' nofs l-ispejjez peritali. Kwindi, bhal fil-kazijiet precitati, l-ewwel aggravju ta' l-appellant qed jigi respint.

Sejrin issa jigu kkunsidrati l-aggravji li huma komuni ghaz-zewg appellanti – it-tieni u t-tielet aggravji fir-rikors ta' appell ta' Carmel Dimech u l-ewwel u t-tieni aggravji fir-rikors ta' Ludwig Dimech.

L-ewwel aggravju komuni ghall-appellanti – it-tieni fir-rikors ta' l-appellant Carmel Dimech u l-ewwel fir-rikors ta' l-appellant Ludwig Dimech – huwa fis-sens illi l-piena nflitta hija bazata fuq artikolu tal-ligi inezistenti. Jiccitaw minn dak il-paragrafu fis-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ppremettiet il-kundanna ghal piena bil-kliem "bl-applikazzjoni tal-artikolu 17B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta".

Issa, huwa minnu illi l-artikolu 17B fil-Kodici Kriminali ma jezistix. Din il-Qorti pero` m'ghandha l-ebda dubju li l-ewwel Qorti kellha f'mohhha l-artikolu 17(b) u li min ittajpja s-sentenza bi zball indika l-imsemmi artikolu bl-ittra majuskola "B" minflok "b". Fi kwalunkwe kaz tali zball ma

jinficjax fuq il-validita` tas-sentenza appellata. Difatti l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**“Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodici jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.”**

Jigifieri huwa mehtieg *ad validitatem* li fis-sentenza jissemmew l-artikoli li jkunu jikkontemplaw ir-reati li taghhom persuna tkun instabet hatja. Mhuwiex mehtieg *ad validitatem* li jigu citati l-artikoli li jipprovdu dwar il-piena jew dwar il-komputazzjoni tal-piena. Huwa rakkommandabbli li jissemmew ukoll sabiex, f’kaz ta’ appell, il-Qorti ta’ Appell tkun taf jekk l-ewwel Qorti tkunx hadet tali artikoli in konsiderazzjoni – per ezempju l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali – peress illi jistghu jinfluwenzaw fuq il-piena erogata. Izda, jigi ribadit, dan mhuwiex mehtieg *ad validitatem*.

Fil-kaz in ezami, l-ezercizzju li tkun trid taghmel din il-Qorti hu li tara ta’ liema reati l-appellanti nstabu ossia setghu jinstabu hatja, tara x’inhi l-piena applikabbli dwar dawk ir-reati u konsegwentement tiddeciedi jekk il-piena erogata kinitx fil-parametri tal-ligi jew kinitx gustifikata.

Konsegwentement it-tieni aggravju ta’ l-appellant Carmel Dimech u l-ewwel aggravju ta’ l-appellant Ludwig Dimech qeghdin jigu respinti.

L-aggravju l-iehor komuni preliminari li sejjer jigi trattat – it-tielet fir-rikors ta’ l-appellant Carmel Dimech u t-tieni fir-rikors ta’ l-appellant Ludwig Dimech – jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ddikjarat li kienet qed issib lill-appellanti hatja ta’ l-akkuzi addebitati lilhom “salv u b’eccezzjoni ghat-tielet akkuza peress li mhux qed jinstabu hatja li kkagunaw ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna … mil-liema akkuza qed tilliberahom.” Jghidu li t-tielet akkuza kienet dik ta’ tentattiv ta’ delitt. Jissottomettu li mid-dicitura ta’ dak li ntqal mill-ewwel Qorti, jista’ jaghti l-kaz li kellha f’mohhha r-raba’ akkuza. Isostnu li m’hemmx certezza ta’ xiex qed jigu liberati.

Issa, il-proceduri kontra l-appellanti nbdew bhala kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja. Permezz tan-nota tieghu tas-6 ta’ Jannar 2006, l-Avukat Generali rrinvija l-atti ghall-gudizzju mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael Carter** deciz fis-7 ta' Dicembru 2001, meta **“r-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta’ kompetenza tal-Qorti Kriminali), <u>in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta’ l-att ta’ akkuza quddiem il-Qorti Kriminali</u>. Fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; <u>l-Avukat Generali, naturalment, jista’ jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti</u>. Bhal fil-kaz tal-att ta’ akkuza, jekk fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta’ reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta’ l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista’ ssibu hati ta’ tentattiv ta’ dak ir-reat, jew ta’ reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f’dak ir-reat, jew bhala komplici f’dak ir-reat”** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fil-kaz in ezami huwa evidenti li bir-rinviju ghall-gudizzju tas-6 ta’ Jannar 2006 maghmul skond is-subartikolu (3) ta’ l-artikolu 370 tal-Kap. 9, l-Avukat Generali nehha kull addebitu ta’ tentattiv ta’ xi delitt. Ghalhekk l-ewwel Qorti, korrettement, ma kellha ghalfejn taghmel l-ebda konsiderazzjoni dwar tali addebitu originali – ghalkemm kien ikun rakkommandabbli li tirreferi ghan-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju qabel ma taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha. Kull ma kellha taghmel l-ewwel Qorti fil-fatt kien li mill-provi tara jekk kinux jirrizultaw ir-reati addebitati mill-Avukat Generali bin-nota tieghu msemmija tas-6 ta’ Jannar 2006. Effettivament fil-parti dispozittiva tas-sentenza l-ewwel Qorti semmiet l-artikoli kollha elenkati mill-Avukat Generali biss. Naturalment ma kienx mehtieg

li, f'din il-parti tas-sentenza, issemmihom kollha peress illi l-artikolu 382 ga` citat jipprovdi illi l-artikoli li ghandhom jissemmew huma dawk tar-reati li taghhom persuna tkun instabet hatja. Izda l-fatt li ccitat proprju dawk l-artikoli jindika li l-ewwel Qorti kienet qed tikkunsidra unikament ir-reati kontemplati fl-imsemmijin artikoli kif addebitati mill-Avukat Generali. Ghalhekk, u peress illi fl-imsemmija nota ma gewx enumerati d-diversi imputazzjonijiet, l-ewwel Qorti l-anqas ma kellha tirreferi ghal xi imputazzjoni bin-numru tieghu bhalma kienu enumerati fl-akkuza. Fil-fatt f'dan il-kaz hija rreferiet, erronejament, ghat-"tielet akkuza" meta t-tielet imputazzjoni originali kienet ta' tentattiv ta' delitt. B'danakollu, l-ewwel Qorti ma halliet l-ebda dubju dwar liema imputazzjoni kienet qed tillibera lill-appellanti minnha, u cioe` dik li kkommettew offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-Ispettur Josric Mifsud u P.S. 325 Patrick Bonnici, peress li *"it was spelled out"*. Dan ifisser li hija kienet qed issib htija ghar-reati kontemplati fl-artikoli 95 (inkluz il-fatt li ghamlu offiza ta' natura hafifa), 96, 338(ee), 339(1)(b), 338(dd) u 325(a).

Ghaldaqstant anke dan l-aggravju qieghed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravji preliminari ta' l-appellant Carmel Dimech kif ukoll l-ewwel u t-tieni aggravji preliminari ta' l-appellant Ludwig Dimech u tordna l-prosegwiment tal-kaz fil-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------